# Żmien l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa

**Mitt sena ilu**

Patri Alexander Bonnici, OFM, Conv., li sar ħafna familjari ma' l-istorja tal-Mellieħa, jgħid li fil-perjodu ta' l-inkoronazzjoni, mitt sena ilu, fil-Mellieħa kien hemm popolazzjoni ta' madwar 1,000 ruħ, meta dik ta' Malta kienet tgħodd 18,742. Fl-1883 kienet tinbena l-Knisja Parrokkjali u l-Kappillan Magri ħassu tant nieqes mill-finanzi li bħal għamel wiċċu u talab lill-Monsinjur tal-Kattidral biex jagħtuh l-għajnuna fi flus. B'hekk seta' jagħmel il-festa li kienu jixirqu fl-okkażjoni ta' l-inkoronazzjoni tal-Madonna. Kienet għadha saret dik tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt fl-1881, u dik tal Katidral tal-Imdina fl-1898.

Il-Kapillan, li kienet messitu xorti hekk kbira, ma setgħax ma jagħtix valur lill-okkażjoni. Fl-istess ħin, il-mezzi f'idejn kienu skarsi ħafna jekk ukoll ma kienu xejn. Il-Monsinjur tawh ħames liri Ingliżi u l-festa saru biċ-ċerimonja u l-baned li kienu jixirqu.

Alexander Bonnċi jqis li l-offerta tal-Monsinjuri kienet ġeneruża għal dak iż-żmien għaliex il-ħlas ta' banda mużikali ma kienx aktar min tliet liri. ([1]Mellieħa, Diċ 1998, p. 14)

Barra minhekk, fi żmien ta' faqar li kien qed jolqot sew lill-Mellieħia, il-kapitlu ma għabba lill-Kappillan Magri, li kien qed jorganizza ċ-ċerimonja ta' l-inkoronazzjoni, b'ebda spejjeż.

Is-servizz ta' erba' kapillani tal-Kapitlu, erba' kjeriċi, żewġ ċerimonjieri, sagristan, mazzier u żewġ abbatini flimkien mat-trasport lejn u mill-Mellieħa bil-karozzelli kienu se jitħallsu kollha mill-Kapitlu tal-Kattidral ta' Malta. ([2]Ibid, p. 15)

Tiġik kurżita' kbira tkun taf kif kienet il-ħajja Maltija meta kienet inkurunata l-Madonna. Interessanti wieħed ikun jaf kif il-Maltin kienu jgħixu, minfejn kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum, l-opportunitajiet li kienet jeżistu u l-mezzi li bihom in-nies kienet tiċċaqlaq minn post għal ieħor.

Għalkemm kien hemm spazju ta' mitt sena, wieħed iħoss li għandu li jingħaqad man-nies li waslu għall-ġest ta' gratitudni u devozjoni kbira. Il-kultura tal-pajjiz ma tħalli lil ħadd jinsa u l-memorja tibqa' friska bil-festa fl-anniversarju u bil-ġublew tal-fidda, tad-deheb u dak tal-ħamsa u sebgħin sena, li dejjem kienu ċelebrati bl-akbar impenn.



Tajjeb jekk wieħed jifhem l-atmosfera tal-ħajja f'Malta biex żmien in-nanniet u dak li wettqu ma jitlaqqamx antik u jitwarrab. Fil-fatt, bl-inkoronazzjoni l-Madonna ma kibritx Iżda l-poplu kiber bil-fidi li wera meta apprezza u ra valur fl-inkurunazzjoni ta' Omm Iben Alla. L-inkurunazzjoni hi ġrajja ta' poplu li emmen waqt il-mixja storika tiegħu.

Fil-ġrajja, ma kienx jimportahom il-Melleħin biss. Kienet ġrajja nazzjonali għaliex kienet espressjoni tal-ħafna Maltin li rrikorrew lejn il-Madonna matul iż-żmien u fl-għeqqel tal-kriżijiet ta' l-istorja Maltija.

**Malta Kolonja Ngliża**

Mitt sena ilu, Malta kienet parti mill-Imperu Ingliż bħala kolonja. Bil-ftuħ tal-Kanal ta' Suez, li għaqqad il-Mediterran mal-Baħar l-Aħmar, Malta sabet xortiha għaliex ma baqgħetx biss f'nofs tal-Baħar Mediterranju Iżda fit-triq ta' Imperu. Sehem il-pajjiż kien jinbidel kontinwament. Filli kien jasal il-kummerċ tat-trasbord u filli kien jintilef kollox minħabba li kien jinħoloq port aħjar u aktar strateġiku bħal Port Said, li fil-fatt ħa post Malta fl-aħħar tas-seklu.

L-industrija tal-qoton u dik tal-larinġ, li kienu jġibu l-flus minn barra, maż-żmien majnaw. L-Ingliżi riedu lil Malta taqdihom. Aktar ma għadda ż-żmien, aktar skoprew il-valur tagħha bħala post ta' importanza strateġika fil-ħarsien tat-triq ewlenija għall-pajjiżi fl-Imperu. Min-nofs is-seklu bnew

fortizzi u żammew suldati biex jagħmlu minn Malta l-aqwa bażi navali.

Fil-kamp militari tal-Għadira, fejn illu hemm id-*Danish Centre,* kienu stazzjonati taħt it-tined, it-*3rd Regiment Fusiliers,* billi Joe Catania fl-artiklu 'L-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa 1899' fil-ktieb li jġib l-istess isem, b'informazzjoni selettiva, b'sens ta' devozzjoni, isemmi li l-Banda ta' dan ir-reġiment Ingliż tat sehemha fil-festa ta' l-Inkurunazzjoni.

Fl-aħħar tas-seklu, il-perjodu li fih żvolġiet l-inkurunazzjoni tal-Madonna, il-belt Valletta, skond Dr Herbert Ganado, kienet tkun miżgħuda bil-baħrin u suldati iduru, jixtru, jizfnu u jixorbu fil-ħin liberu tagħhom. Fil-pajjiż kien hemm madwar 12,000 persuna tas-servizzi Ingliżi. Il-Port kien ikollu madwar 18-il vapur tal-gwerra meta kien hemm taħrika ta' inkwiet bħal waqt il-kriżi ta' Fashodo bejn l-Ingliżi u Franza fl-1898.[3]

It-*Times of Malta,* fir-rubrika 'Seklu ilu', mid-*Daily Malta Chronicle* li fil-15 ta' Marzu 1899 fil-port kien hemm il-vapuri tal-Maestà Tagħha fosthom ir-*Ramellies,* il-*Hibernia,* ir-*Revenge,* l-*Illustrious,* l-*Empress of India,* is-*Caesar,* il-*Camperdown,* ir-*Royal Oak,* id-*Dido,* il-*Hawke,* is-*Scylla,* il-*Polyphemus,* il- *Melita,* il-*Hebe,* is-*Salamander,* il-*Boxer,* il-*Bruiser,* il-*Cruiser,* l-*Ardent,* il-*Banshee,* il-*Hussar,* id-*Dragon,* ir-*Rainbow,* l-*Orion,* is-*Sandfly,* il-Foam, l-*Orlando,* il-*Pylades* u l-*Aurora.*[4]

L-ismijiet tal-frejgati u biċċiet tal-gwerra għall-Melleħin ma tantx kienu importanti iżda għan-nies tat-tlett ibliet u tal-Belt kienu u damu jfissru ħafna. Il-ħwienet tax-xorb kienu jġibu xi ismijiet tal-frejgati bi storja biex jirbħu s-simpatija tal-baħrin u jkabbru l-klientela. Iżda barra minn hemm il-Maltin viċin il-portijiet kienu jsiru dilettanti tal-bastimenti u kienu jsegwuhom ħafna fid-dħul u l-ħruġ tagħhom mill-port. Billi kienu jarawhom ta' spiss, kienu jgħarfuhom mill-bogħod. Il-baħrin fi Strada Rjali, fuq il-kpiepel li kienu jilbsu, kien ikollhom l-ismijiet tal-vapur li fuqu kienu jservu u bla ma trid wieħed kien jaqra l-isem. Wieħed ma jimmaġinax li kien hemm Melleħin jippassiġġaw tul Strada Rjali u jaraw lill-baħrin jekk ma kienx ikollhom imorru sal-Qorti jew għal xi bżonn ieħor.

Ix-xogħol xejn ma kellu qagħda stabbli.



*Vitor ta' Salvatur li kellha mal-20 sena meta beda s-Seklu Għoxrin. Ommha Gerit taf sewwa ir-razzett ta' l-Imġiebaħ fil-bidu tas-seklu.*

Meta fil-Port kien ikun hemm il-flotta, il-barklor, il-pitkal, il-bidwi, tal-karozzin u tal-ħwienet madwar il-port, kienu jmorru tajjeb. Port vojt kien ibikkik. Dak Iż-żmien jirriżulta li xi Maltin xejn ma ħassewhom tajjeb. Raw futur inċert u bdew isiefru lejn l-Afrika ta' Fuq u marru Tunes, l-Algiers u Bona. Fosthom kien hemm il-Melleħin.

L-ambaxxatur Franċiż għal Malta Didier Destremau, f'intervista li ta lis-Sunday Times ([5]Mar 14, 1999) semma li fiż-żgħożija li qatta fit-Tuneżija. Fost sħabu kien hemm studenti ġejjin minn familji Maltin. Dawn l-istudenti kienu jispikkaw u jiżbqu sewwa lil dawk Franċiżi.

Fil-gwerra ta' Suez, fl-1956, fi żmien Nasser, issemmew il-Maltin ta' l-Eġittu, fejn kien ilhom hemm ħafna, li riedu jsibu refuġju fir-Renju Unit billi ma kienx għadhom qed Iħossuhom protetti bħala sudditi Brittaniċi.

**Il-Mellieħa Bogħod**

Il-Mellieħa hi parti minn Malta iżda bogħod ħafna miċ-ċentri tal-gżira. Madwar il-portijiet dejjem kien hemm dik l-attivita li ma tinstabx fl-inħawi tal-Mellieħa. Fl-ibliet, l-andament tal-

ħajja kienet differenti, anzi tintgħażel minn dik ta' l-irħula. Għaliex għalkemm gżira żgħira u b'distanzi żgħar, it-toroq u l-mezzi tat- trasport kienu ħżiena u skarsi, aktar u aktar biex wieħed jasal sal-Mellieħa.

**Meta l-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' madwar 184,742**

Il-Ħamrun kiber u kellu madwar 10,000 resident fl-aħħar tas-seklu dsatax, grazzi għall-ferrovija li twieldet fl-1883. F'nofs is-seklu l-ieħor kien hemm biss madwar tletin dar ([6]RMT Vil. I, p. 7) Iżda biex il-Melleħin jaqbdu l-ferrovija , kien ikollhom iħallu l-ħmara l-Mosta għand il-ħbieb u jmorru bil-mixi sa Santa Venera.

Din is-sistema tat-trasport damet sejra tant li missieri, fl-1920 meta kellu dawk it-12-il sena, kien imur ma' missieru l-Belt biex jiġbor xi flus ta' xi offerti tal-Gvern għall-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Kien jgħid li l-ferrovija kienet taffaxxinah. U bir-ragun għaliex kien jaraha forsi, ta' tifel, darbtejn fis-sena.

Fl-istess żmien, is-sidien tal-Lukanda ta' Randi, fejn illum jemm il-Każin tal-Partit Nazzjonalista fil-Mellieħa, kienu jimpjegaw omnibus b'żewġt iżwiemel biex kull nhar ta' Ħamis, ċertu Żbibu kien iġibilhom il-klienti ħalli iqattgħu ġurnata fil-Mellieħa, jieklu, jippassiġġaw u joqgħodu jistrieħu. Il-veduti kienu mill-aqwa, il-baħar kien sabiħ u s-Santwarju kien imfittex ħafna ([7]Dar id-Demokrazija, Mellieħa AV).

It-toroq ma kienux tajba. Beda jingħata l-asfalt fit-toroq prinċipali fl-1930. Wieħed jista' jaħseb kif kienu t-toroq fix-xitwa, l-aktar fejn kein hemm it-tlajja u l-inżul, fejn l-ilma kien iħalli sew il-marki tiegħu.

Il-bdiewa Melleħin, li kienu jġorru ż-żibel tal-barrin mill-Imsida, kienu jippreferu jużaw il-baħar. Il-braken kienu jaslu rmunkati sat-Trunċiera fejn kien isir l-isbark. Meta folol kbar ta' nies niżlu l-Mellieħa fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni, dawk tan-naħa ta' l-ibliet waslu Bil-vapur *Kalora.* ([8]Ġanni Mifsud, p. 71)

Dan biex wieħed jifhem kemm il-Mellieħa kienet tidher bħala lokalita ta' wara l-muntanji, f'dak li hu sens ta' distanza. 'Il bogħod kellu effett fuq il-ħajja Melleħija. Kien hemm tbatija għal min ried jaħdem barra mill-Mellieħa jew jistudja fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, San Injazju f'San Ġiljan sa l-1906 u wara f'Birkirkara, f'San Alwiġi u fis-Seminarju, fil-Floriana u dak Minuri, li kien baqa' l-Imdina. Is-saċerdoti li laħqu dak Iż-żmien kienu alloġjati fl-istess seminarju jew f'każ ta' patrijiet fl-istess kunvent.

Dun Franġisk Debono kien ordnat fl-1897, Dun Franġisk Borg li għallimni ngħin il-quddiesa, kien ordnat fl-1898. Patri Pawl Bezzina OFM Conv kien ordnat fl-1888 umbagħad kellha tasal is-sena 1913 biex kien ordnat Dun Anton Debono. ([9]Festa Maria Bambina 1997)

Il-Melleħin kellhom iduru madwrahom biex jaraw minfejn setgħu jaqilgħu l-għajxien. Kellhom ir-raba u xi ilma ġieri f'widien bħal Ġnien Ingraw, San Niklaw, Għajn Żejtuna. Kellhom il-baħar b'kosta li setgħet tintlaħaq. F'dan l-ambjent, Il-Mellieħi għaraf jinqeda b'dak li kellu madwaru.

Ir-raba kien jipprovdi u mill-irdumijiet kien jieħdu l-frott. Meta ma kienx ikun tajjeb għar-raba kienu jmorru f'miġbel, idawru u jaqtgħu xi kantun biex fl-aħħar kien ikollhom biex jibnu dar. B'hekk telgħu ħafna mid-djar tal-Mellieħa. Kien hemm ħafna xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ billi ħafna mir-raba' jinsab mas-sisien tal-għoljiet.

Il-bidliet fl-ambjent ma setax kien kbir u joħloq sorpriżi. Hu l-makkinarju li juri produzzjoni u dan ma kienx jeżisti. Il-ħajja f'Malta kienet għadha kwieta bis-sriedak iqajmu n-nies fil-għodu. Il-mezzi tat-trasport, il-ħmar u l-bagħal, bil-karettun. In-nannu kien imur jaqta l-ġebel mid-Dar il-Bajda biex fil-għaxija iwassal, forsi, żewġ knaten biex jibni daru. Veru li l-klima kienet hekk iżda n-nies ma setgħux ma kienux rassenjati, jieħdu kollox bit-temp, mimlija tama li l-ħolm jirnexxi xi darba. Ma setgħux joħolmu wisq. Biex imur għax-xogħol, in-nannu, li twieled fl-1876, ried jasal taħt ir-Rabat u kien imur bil-mixi. Kien jaqla 17ċ5 kuljum, li kienet l-ogħla paga għal raġel tas-sengħa. ([10]RMT Vol. 1, p. 7) Kien baqqunier jaħdem fil-mini biex isibu l-ilma ġieri.

Wieħed ma jistax jimmaġina l-kundiz-

zjonijiet ta' dawk Iż-żminijiet. In-nisa kienu jballtu d-deffun fuq il-bjut u jgħinu fix-xogħol tal-biedja. Kienu jieħdu ħsieb l-annimali. In-nagħaġ, il-mogħoż, tiġieġ u fniek kienu f'kull dar. Il-flus kienu skarsi u l-ġid kien jikkonsisti fl-annimali li wieħed kien ikollu, ir-raba li jista' jipprovdi l-ikel u naturalment is-saħħa.

### Faqar iżda Ħajja Sempliċi

Ħwienet bil-kemm kien hemm ħlief xi wieħed tal-merċa. In-nies kinet tipprova tgħaddi b'li kellha, tpartat u taqsam ma' xulxin. Nisma waħda li kienet tgħid li meta kellha tewmin, 82 sena ilu, ma kellha xejn ħlief flixkun *brandy*, miż-żgħar ta' Malta mhux xi *Hennessy*. Iżda, tkompli tgħid, li mbagħad waslet il-barka ta' Alla kollha għaliex il-qraba bdew immorru għandha b'li kellhom u d-dar imtliet bil-ġid. U dan daqs 19-il sena miż-żmien li qed jitfakkar.

Aħseb u ara fl-aħħar tas-seklu meta ix-xiħa kellha 20 sena. Il-familja kienet tirraġuna li jekk fid-dar kien hemm modd qamħ u kaxxa tat-tin niexef, kien ikollha għalfejn tirringrazzja 'l Alla u sserraħ moħħha.

In-nisa kienu wkoll jaraw x'jagħmlu biex il-familja tħossha indukrata. Barra dak imsemmi qabel, in-nisa kienu jitgħallmu jinsġu l-qoton u s-suf ukoll. Kienu jagħmlu lożor tal-fustan u qliezet tal-fartajja. Kienu jitgħallmu jħitu, aktar u aktar jekk l-ommijiet jew qraba kienu jafu ġa s-sengħa. Kien hemm il-ħefa. Wieħed kien qalli li kienu jħobbu jagħmlu xi xedd għal saqajhom mill-ġilda tal-majjal, li meta tinxef kapaċi ssir b'saħħitha ħafna. Ma kienux jidħlu l-Knisja bihom. Kienu jħalluhom taħt il-loġoġ, meta s-Santwarju kien għadu l-Knisja Parrok-kjali, biex meta joħorġu jerġgħu jsibuhom. Iżda kien jiġri li xi klieb kienu jinfitlu magħhom u joħduhom.

Kienet tqum konfużjoni bejn it-tfal biex isibu tagħhom. Il-ħefa kien joffri tbatija kbira għal min ried jaħdem fil-beraħ fix-xtiewi kesħin u għal min ried jimxi fit-tul f'toroq li ma kienux tajba.

In-nies kienu jbatu ħafna mix-xquq tas-safra b'riżultat tal-ħefa. It-trakoma, bħal infezzjoni fl-għajnejn, kienet żgur qawwija ħafna billi t-toroq kienu kollha trab barra wkoll li fi żmien



*Il-familja ta' Ġużepp tal-Vapur u Marì tal-Pajpaj. Ġużepp ġarr il-ġebel mill-barriera tal-aħrax u Marì ġarret ilma u ħamrija biex tinbena l-knisja. Raw iż-żewġ gwerer tas-seklu u binhom kien fuq il-kanuni fl-aħħar gwerra.*

il-qigħan, fi dħul is-sajf numru kbir ta' żgħażagħ u tfal kienu jorqdu fl-arja aperta fuq il-qigħan. Dik in-nida kellha effett ħażin fuq l-għajnejn ([11]Med. Hist, Cassar, p. 335). Din l-infezzjoni fl-għajnejn kienet tħalli ħafna nies neqsin mid-dawl.

### Iebes kien il-Ħobż

Kien jeżisti xi forn biex in-nies kien ikollha fejn taħmi l-ħobż. Ta' min isemmi li kien hemm forn, fi Strada Reali, illum Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn id-*Dainty* u d-*Drifter*. In-nies kienet tagħġen il-ħobż id-dar u kienet tieħdu fuq tavla l-forn. Kien ikollha għal ġimgħa. L-aħħar ħobża fuq l-ixkaffa ma kenitx tkun friska. Biex isir użu minnha, kien isir tisjir li fih setgħet titfittet biex ma jkun hemm l-ebda tħarbit. Min kien jaħdem il-forn kien malajr isajjar il-kafè hemm u t-tifel kien jieħu d-dar kmieni biex il-familja kollha tieħu sehemha.

Dan għaliex kienu jibżgħu għall-ħatab barra li kienet tkun strappata biex jitkebbes in-nar u jsir it-tisjir, l-aktar fix-xitwa, bil-ħatab imxarrab. Nisma lil nannti tgħid li laħqu ssellfu, mhux talbu, sgħatar biex iqabbdu u jsajru. U fir-riħ isfel niżlu l-Għadira u marru San Pawl il-Baħar biex ifittxu l-faħam u xi njam li kien jidħol mal-baħar.

In-nies kienu jbatu u dawk minnhom li għadhom jgħixu llum min jaf kif jarawna meta

ma nissapportu xejn, lanqas nemusa żżanżan, nixtru u nonfqu l-belli liri u ħsiebna biex narmu u nixtru l-ġdid.

Min kien jagħgen kien ikollu jforni lill-furnara bix-xewk u l-ħatab biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Il-mara tad-dar kienet tiġiha għolja l-biċċa ħobż li tiekol.

Llum lit-tfal ngħidulhom l-istorja tat-Tġieġa l-Ħamra biex nuruhom kif minn qamħa waslet biex saret ħobża. Iżda n-nies ta' 100 sena ilu żergħu, ħasdu, dirsu u derrew, ħaslu u nixfu, ġarrew għall-mitħna, talbu għar-riħ biex isir it-tħin, għaġnu x-xewk biex fuq l-ixkaffa kellhom il-ħobż. U l-ħobż ma kienx dejjem abjad, tal-qamħ. Dak kien meta kollox kien imur ttajjeb. Meta l-qamħ kien nieqes kien jiżdied bix-xgħir biex il-ħobż isir tal-maħlut.

**L-ambjent Verġni**

L-inħawi tal-Mellieħa tbiddlu ħafna fi żmien mitt sena. Għad baqa' art bla ma hi mittiefsa bħalma huma l-Irdajjem. L-istess natura bħal ħolqot lokalitajiet, b'diffikulta' kbira, biex isir żvilupp fihom. Waqqgħet blat massiv u ġgantesk fuq xulxin biex qatgħu il-qalb, għallinqas sa l-aħħar tas-seklu.

L-għoljiet imperrċa għamlithom mirjieħa u sa ċertu żmien in-nies għażlet l-aktar lokalitajiet kennija, fil-wita. B'hekk il-bidla fl-ambjent forsi ħadet aktar fit-tul billi ma kienx hemm dik il-pressjoni fuq il-Gvern u l-Knisja biex iċedu għad- domanda u jagħtu l-kunsens tagħhom għall-iżvilupp.

L-għoljiet tal-Mellieħa, il-Kortin ta' Santa Marija u Wied ta' Għajn Żejtina kellhom iċedu. Kienu għadhom fin-natural tagħhom sas-sittinjiet u ħadd u ma kien jemmen li kienu se jinbidlu. Biss l-Aħrax, id-Dahar, l-Imġiebaħ, Selmun, id-Delli, l-Għawseċ u l-Qammiegħ baqgħalhom ħafna milli kellhom.

Wieħed għadu jista' jara x-xeni bħalma kienu jaraw in-nanniet u l-bużnanniet li raw lill-Madonna tal-Mellieħa tkun inkurunata mill-Isqof Pietru Pace, mgħejjun minn Monsinjur Salvatore Gaffiero, l-Isqof Titulari ta' Selimbrija, u l-Isqof ta' Għawdwx G. Maria Camilleri.

Mara, li llum għandha 90 sena, tirrakkonta li meta kellha madwar 12-il sena, niżlet tfittex il-bebbux jew tiġbor il-melħ lejn it-Trunċiera ta' Margu, billi r-raba tal-familja tagħha kien fir-qrib, aktar 'il fuq, l-Armier. Tgħid li fi-inħawi ma kien ikun hemm ħadd. Hi semgħet hsejjes kbar ġejjin minn fuq 12-il sottomarin li kienu għaddejjin mill-fliegu. Il-ħsejjes werwruha, waħedha kif kienet, u ġriet kemm tiflaħ 'il fuq. L-istorja qalitha kemm-il darba u qatt ma varjata. Dan biex nieħdu idea x'baħħ kien hemm. Illum bil-kemm tista' timmaġina Armier hekk.

Il-bniedem daħal u fejn daħal rifes, ġabar, bena, ħawwel, qaċċat u ġarr. Il-bniedem dinamiku ħafna u fil-ħajja tiegħu ried jara x'jista jieħu biex fuq kollox jgħix. L-Għadira kellha katasti ta' ramel tant li f'xi partijiet, il-baħar kien jitgħawweb. Ittieħdet bit-trakkijiet sal-għerbinijiet, meta beda dieħel il-*concrete*. L-Armier kien ukoll igawdi minn hafna remel li ġarrew id-dgħajjes tal-latini. Hekk ġralu r-ramel tar-Ramla ta Kejli u dak tar-Ramla tat-Torri l-Abjad minfejn ħarġu trakkijiet mgħobbija sejrin u ġejjin lejn u nhar. Bdew jingħataw pieni ħorox lil min kien jinqabad jieħu r-ramel wara l-Gwerra Iżda kien tard wisq.

Mur ara x'dieqa jaqbdu n-nannu 'l fuq minn mitt sena kieku kien għaduf'waqtu u jara r-Ramla tat-Torri llum! Nimmaġinah jgħajjat bin-nervi "ħuduni minn hawn!" U biex nikkalmawh nieħduh as l-Ahrax fejn forsi minħabba r-raxx kbir li jitla' mid-Dragonara fil-grigalati għadu miksi bi blat aħrax igawdi l-beraħ u l-arja safja kif kien f'għeluq is-seklu l-ieħor.

Iċ-Ċirkewwa nbidlet ħafna meta twettaq il-proġett tal-moll. Sas-sebgħinijiet, kien hemm ambjent pittoresk bla mittiefes ħlief xi ħofor li kienu rranġati biex iżommu l-ilma għall-melħ. Kien hemm daħla kennija f'kull riħ, tħares lejn it-Tramuntana bi skoll quddiemha, fejn il-Fuli, sid is-salina, kien iżomm il-kiġ li kellu biex imur jaqbad tisjira għarajjes. 'Il barra mill-iskoll kien hemm skoll ieħor, imfittex ħafna għas-sajd tal-kaħli, fejn għodwa waħda kmieni, fis-sittinijiet, dgħajsa tas-sajd baqgħet dieħla bi żball. Kien post fantastiku. Nitħassar lit-tlett uliedi li gawdewh ftit u lil ibni li mank biss raħ.

**Użu mix-xagħri**

Għall xi żmien ma konniex nistgħu nifhmu

għaliex niesna kienu kkapparaw xagħri mingħand il-Gvern u mingħand il-Knisja. Kienu jħallsu l-qbiela u ċ-ċnus u ma tantx setgħu jħallsu, avolja kienu baxxi. Wieħed irid jiftakar li x-xagħri kellhom valur għan-nies ta' dari. F'xagħri setgħet tinfetaħ barriera. Fiha wieħed seta' jħalli l-merħla tirgħa. Fiha kien jikber is-sagħtar u forsi kienet tipprovdi qattiet tax-xewk. L-irqajja tal-ħamrija kienu jinħadmu u jekk kienet tkun annata tajba, ix-xagħra kienet tipprovdi l-għalf għall-annimali.

Ix-xagħri ta' l-Aħrax kienu jinħadmu kollha sa l-aħħar l-Gwerra. F'xi xagħri, l-bidwi kien jara kif jagħmel biex jiġbor l-ilma, iġorr il-ħamrija, iħawwel siġar tat-tin u xi pal tal-bajtar, jibni l-ħitan biex ikennen lumija u bl-għaqal ta' moħħu kien jieħu ħafna ġid. In-nies kienet tifhem li kien ikollha tiddobba b'li kellha u għażla ma kellhiex. Il-bidwi kien jibni girna bla ma kien ikollu bżonn ta' xejn ħlief ġebel fl-istat naturali tiegħu. U kien jibniha minħabba x-xita u x-xemx. Kull ma kien jagħmel, kien jagħmlu għall-bżonn għalkemm il-bniedem ikollu l-gosti li jġiegħluh jagħmel aktar milli jmissu u jagħmel b'ċerta premura.

Interessanti wieħed iżur ċertu rdajjem biex jara kemm kien hemm li kienu jħaddmu moħħhom biex ikollhom kamra, għajn u anke bir fi blata li kien jimtela bl-ilma tax-xita barra wkoll il-passaġġi li saru biex jintlaħqu s-siġar mxedda.

Minħabba l-kultivazzjoni tal-qoton u l-kemmun, ħafna mir-raba kien irranġat. Il-Gvern u l-Knisja, l-aktar proprjetarji ta' l-art fl-inħawi tal-Mellieħa, għamlu li setgħu biex ir-raba jinżamm tajjeb u mħares. B'hekk inbnew il-ħitan tas-sejjieħ b'sengħa kbira, f'ħafna każi. L-Imġiebaħ u l-Qammiegħ għandhom ħafna ħitan li servew is-snin. Meta l-prospetti tal-qoton majnaw, ir-raba' baqa' hemm u bdew jsir użu ieħor minnu. Il-bhejjem riedu x-xgħir, il-qamħ, is-silla, il-kuċċarda,il-fil, il-widna, il-ġulbiena, iż-żofra u l-ħarrub.

Kien li meta reġgħu naqsu l-bhejjem, li ħafna mir-raba' reġa' beda jkun żdingat. Dan kien fl-aħħar tal-erbgħinijiet meta n-nies bdiet titlaq l-art u tfittex taqla' l-ġurnata minn bnadi oħra.

Il-ħitan baqgħu xhieda tat-taħbit tal-Mellieħa biex żamm l-art li minnha għex u għajjex kemm lill-familjari kif ukoll lill-bhejjem li għenuh u temgħuh.


*Mary Vella liebsa l-libsa tat-tieġ ta' nannitha li żżewġet fl-aħħar tas-seklu l-ieħor.*

Mal-bidla għas-seklu għoxrin, it-Tabib Pawlu Cassar, l-awtur tal-*Medical Histroy of Malta,* ktieb ta' refernza mill-aqwa, qal li beda jidher xi proġress fil-bini tad-djar. ([12]Id-djar għan-nies – Cassar, Med. History T.334 T.336) Bdiet tidħol is-sanità. Beda jingħata aktar kas ta' l-arja, tad-dawl u tal-provvista ta' l-ilma kif ukoll il-ħtieġa tal-fosos. Fl-epidemija, li ma kienx nieqes, il-ħtiġiet sanitarji spikkaw fin-nuqqas tagħhom u l-amministrazzjoni bdiet tħoss ir-responsabbilità li ssaħħaħ il-liġijiet u anke tagħmel riforma biex tassigura kundizzjonijiet aħjar ta' Iġjene u kumdità.

Jekk il-proġress kien jidher żgħir fl-ibliet u fl-inħawi tagħhom, fl-irħula iżolati bħall-Mellieħa, kien jasal aktar bil-mod. Fil-Mellieħa d-djar kienu ftit. Wieħed ma jistax jaħseb li kienu komdi meta mqabbla ma llum. Iżda kienu kbar, arjużi u f'xi loġoġ ħalli jilqgħu x-xemx. Il-faqar ma kienx jippermetti li jinbnew djar b'lussu ta' tqassim, arranġamenti u rfinar f'dak li hu xogħol. Kienu jaħsbu dwar fejn jgħixu u fejn irabbu għax l-annimali kienu parti minn ħajjithom. Riedu l-istalla għall-bagħal jew ħmara, gorboġ għall-fniek u gidien, bitħa fuq wara għat-tiġieġ u n-ngħaġ kif ukoll xi daħla fejn jsajru bil-ħatab.

Illum fid-diskors, la wieħed isemmi setaħ, la remissa u lanqas għorfa iżda jekk tingħad storja fuq il-bużnanna jew nanna dawn ikollhom jiddaħlu għaliex kienu parti mill-

ħajja. Ħafna mid-djar kellhom remissa fejn idaħħlu l-karettun tal-bagħal. Dik l-għorfa fit-tieni sular kienet il-maħżen fejn kienu jitpoġġew il-balal tat-tiben, is-silla, il-ġulbiena, il-ħarrub, il-basal u l-patata, il-kaxxi tat-tin u xi dameġġjani nbid.

Il-bejt kellu funzjoni għall-inxif tal-qamħ wara l-ħasla, għall-qara aħmar sakemm jinbiegħ, għall-bettieħ tax-xitwa u għall-qtates li huma wkoll kienu jgawdu x-xemx fil-jiem xitwin. Iżda l-bejt kellu funzjoni oħra xejn inqas importanti minn dak li ssemma. Kien jitla' l-ilma tax-xita biex jasal fil-bir.

Il-familja kienet bżonn l-ilma tal-bir daqs il-ħobż. L-ilma wasal fil-Mellieħa fl- 1921 bħalma turi l-irħama li hemm mal-ħajt tal-bitħa tas-Santwarju. Qabel dak Iż-żmien, meta kienet qed tinbena l-knisja, l-ilma kien jiġi mill-Għajn tal-Mellieħa. In-nies, biex tiffranka l-ilma tal-bir, meta kien hemm bir, kienet tmur taħsel fl-Għajn tal-Mellieħa jew Ġnien Ingraw jekk kienu jkunu midħla tan-nies ta' hemmhekk.

Is-Santwarju ħasbulu għall-bir kbir biex l-ilma jilħaq ħafna skopijiet fosthom li jkun ta' għajnuna għal dawk 'il-ħafna pellegrini li kienu jiġu mill-bogħod. B'xorti tajba u providenzjali, l-Għar tal-Madonna jgawdi minn nixxiegħa tajba ħafna li toħroġ fl-Għajn tal-Mellieħa biex issaqqi l-Wied ta' Ruman u kienu jinqdew bih il-Melleħin, qabel l-ilma tal-ġibjun.

**Fir-Raba**

Ix-xogħol tar-raba kien fih it-tbatija. Raw kif il-bhejjem setgħu jgħinu. Għal dak li hu ħart, il-moħriet kien f'idejhom u min kellu l-baqar inqeda bihom l-aktar fejn kien hemm raba kbir, fil-wita. Kienu jħobbu jgħidu "Ħrit il-ħmar ma' jaqtax sandar. Ħrit il-baqar jimla l-andar." L-andar, il-qiegħa fejn jindires il-qamħ.

Is-sienja kienet ukoll taqdi lill-bidwi iżda dan kien ifiser iljieli mal-bhima biex iżommuha ddur biex timtela l-għajn bl-ilma. Mill-ispejjer, l-ilma kien jitla bit-taljola mal-gubja b'dak ir-raġel jew mara, fuq xorok bejn sema u ilma, jitgħawġu jtellgħu l-bramel ta' l-ilma biex jimlew xi gibjetta.

Tissemma l-menza biex iwasslu żewġ bramel ta' l-ilma bi triq waħda. Iżda dik il-lasta fuq daharhom kienet tkissirulhom biex ix-xogħol jidher. Kelma konta x-xita żgur li ma kienux jifilħuha. Il-biegħa kienu jmorru biha huma stess bil-karettun. Kien ikollhom iterrqu kemm jifilħu. Dak iż-żminn kienu jużaw it-talja biex bħal jiktbu kemm ikollhom jieħdu mingħand il-pitkal. Din kienet tikkonsisti f-biċċa għuda ratba. Għal kull skud kienu jagħmlu sinjal biex meta jkun hemm 12 isir salib, li kienet tfisser lira.

Naturalment il-bidwi, li kien għadu jgħodd bl-iskudi u bl-irbgħajja, kien ikun ħerqan għan-numru ta'slaleb fuq it-talja. Il-pitkal kien jgħidlu li jekk irid jara s-slaleb kellu jara tal-Via Sagra. Kien hemm pitkali l-Mosta u Birkirkara iżda f'Bormla, il-qabda ħaxix u frott li kienu jieħdu, kienet bħal tinġabar aktar.

Nisma' lil wieħed igħid li lejl minnhom daħal bil-bagħal ġo pilandra ta' San Gejtanu fil-Ħamrun. Għajnu marret bih, raqad u ġibed riedna b'oħra. Isemmu li kienu jipprendu ħafna meta jaslu taħt Selmun fid-dlam u Ħal Lija fejn hemm is-siġar taż-żebbuġ. Kien bħal deżert, bogħod mill-abitant u għefiered dejjem kien hemm mas-saqajn.

Niftakar wieħed jgħidli li ltaqa' ma persuna tahdem miegħu li kien urieh kapott misruq minn fuq bidwi Mellieħi fi triqtu miż-żebbuġ ta' Ħal Lija. Kien hemm kemm-il kurrier li kienu ġejjin u sejjrin 'il barra biex iġibu dak li kien ikollhom ordnat. Kienu jaħdmu bil-bgħula u kellhom ħafna stejjer xi jgħidu billi terrqu fil-bnazzi u fil-maltemp, fid-dawl u fid-dlam biex kienu jżommu l-appuntament.

Kien hemm il-laqam tal-Vapur billi l-kurrier li kien iġib dan il-laqam kien jaħdem bi ħmar li kien jagħtih li jinħaq hekk kif kien jasal il-Mellieħa. Bla ma riedu in-nies kien jagħtihom li jgħidu "il-vapur wasal."

**Żvilupp ta' djar**

David Muscat, fir-riċerka li għamel l-iżvilupp li beda jsir fil-Mellieħa f'nofs is-seklu dsatax, jgħid kif fi żmien il-Kapillan Le Brun, il-Melleħin fehmu li biex ikollhom postijiet aħjar fejn joqgħodu, ħassew li jinqdew bl-istess kappillan biex issir petizzjoni lill-Gvernatur William Reid biex tingħatalhom art pubblika biex fuqha jtellgħu darhom.

David, li jħobb ħafna l-istorja tal-Mellieħa, jagħti ħafna dettal dwar kif saru l-affarijiet. "Il-petizzjoni saret u permezz tagħha, f'Awissu ta' 1848, il-Gvern Ingliż, wara li kkonsulta ma'l-Arċisqof, ħareġ uffiċjali li twaħħlet mas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa biex kull min kien jinħtieġ qatgħa kellu jagħmel talba uffiċjali. Sa Diċembru 1848, kienu saru 18-il talba għal art pubblika u għalhekk is-Segretarju Ewlieni tal-Gvernatur, Henry Lushington, ordna lill-Kummissarju ta' l-Artijiet, li dak Iż-żmien kien Sir Vincent Casolani, biex jaħseb għat-tfassil ta' pjan konkret ta' żvilupp għall-Mellieħa.

Biex il-poplu Mellieħi jserraħ rasu li l-artijiet imwiegħda kienu se jingħataw, Casolani talab lill-Kapillan Le Brun ixandar il-pjanijiet tal-Gvern minn fuq il-pulptu." ([13]Mellieħa, 1997 Jannar, David Muscat)

Kienet l-ewwel skema li ntlaqat tajjeb. Fir-riċerka tiegħu, David jgħid li ħafna tħajru u applikaw biex jingħataw art huma wkoll u minħabba d-domanda,il-Gvern Ingliż kellu jara x'jagħmel u jkabbar l-iskema biex tkopri aktar qtajja għaliex dik imsejsa madwar is-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kienet żgħira wisq għat-talbiet li saru.

Il-popolazzjoni tal-Mellieħa kienet madwar 600 u l-Gvern sa tmiem l-1851 kien ħareġ b'kollox madwar 70 qatgħa. Baqgħu isiru talbiet għall-art u l-Gvern ried jiżviluppa x-Xagħri tal-Mellieħa. Tfasslet pjanta ġdid fl-ewwel xhur ta' l-1850. Indaħlet is-Soċjetà Economico-Agraria li talbet lill-Gvern jagħtiha rapport ta kif kienu sejrin l-affarijiet. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet kellu jagħmel rapport dettaljat ta' l-artijiet mogħtija u l-pjanijiet li kellu d-Dipartiment dwar l-estensjoni ta' l-iskema.

Nerġa' nikkwota lil David, "Ir-rapport li ħareġ is-sena ta' wara, wera biċ-ċar kif kellha tissawwar il-Mellieħa. Fi kliem ieħor, f'sensiela ta' blokki ta' bini f'toroq paralleli jduru madwarhom. Il-formazzjoni tar-raħal ma kelliex tkun bħal ta' l-irħula qodma tal-gżira, bħal Ħal Qormi jew Ħaż-Żebbuġ, bit-toroq dojoq u mserpin, minħabba fost l-oħrajn raġunijiet ta' difiża iżda kellha tkun b'toroq miftuħa, relattivament usa u li fihom, bla wisq tidwir żejjed, wieħed seta' jasal malajr fiċ-ċentru tar-raħal."



*Dehra ta' madwar il-knisja.*

Matul il-kumplament tas-seklu 19 u fil-bidu tas-seklu 20, l-iskema kompliet tkun estiża tul Strada Reale u lejn l-inħawi fejn kien hemm iż-żewġ imtieħen tar-riħ. L-ewwel bini tela' fil-viċinanza tas-Santwarju, tul Triq Ġorġ Borg Olivier u fi Triq il-Kappillan Magri. Il-bini ħa ħafna żmien għaliex il-mezzi kienu fqar u n-nies kienet tipprova taqta' l-ġebel bil-mod il-mod waqt li kienet taħdem ir-raba biex ir-rota tibqa ddur. ([14]Mellieħa Frar 1997. David Muscat)

Fix-xitwa meta ma kienx ikun tajjeb għax-xogħol tar-raba, dak li jkun kien jintefa idawwar ġebla minn xi barriera jew iqatta l-blat mill-qatgħa. B'hekk tela l-bini. Il-ġebla Melleħija m'hix sabiħa għall-bini. Hi bajda iżda ma titnaġarx u kienet toffri diffikulta' biex titpoġġa bil-galbu. M'hix tajba biex tħalli l-fil jidher u mn'Alla li l-ħamrija kienet tintuża flok it-tajn tal-franka, għax ħamrija hawn kemm trid. Biex jitwitta, il-kaħħal kellu juża ħafna ġir.

Għall-faċċata bdew jużaw ġebla mill-barriera ta' l-Aħrax jew mid-Dar il-Bajda, li setgħet titnaġar aktar u tkun invjata iżda biex sar dan għadda aktar żmien. Il-ġebel fil-blokk tal-Għassa mhux ikreh. Kien maqtugħ żgħir u lixx ħafna. Żgur li mhux ġebel mill-Mellieħa.

### Kif kienu jilbsu

Żgur li fil-familji hemm ritratti, suwed u bojod jew sepja tal-bużnanniet, nanniet, zijiet

jew qraba. Meta wieħed jħares lejhom jarahom kapriċċużi mill-ilbies li kien ikollhom fiqhom. Fuq l-irġiel jaf hemm il-mustaċċI twal u ippuntati. In-nisa lebsin l-iswed biċ-ċinta issukkata m'għonqhom biex l-ilbies jibqa' nieżel dritt sa qaddhom, biex jagħtihom sura u mill-qgħadd 'l isfel il-libsa kienet issir miftuħa li twassal sa fuq iż-żarbun, milbus bil-kalzetti suwed ħoxnin.

B'dan l-ilbies, l-irġiel u n-nisa kienu jidhru dritti u eleganti, avolja s-seklu kellu jidħol aktar, sakemm dehru l-irġiel bil-polka fuq żaqqhom u lin-nisa b'xi barbazzal.

Meta nara minnhom inkun nixtieq li narahom jitbissmu lil dawn in-nanniet u bużnanniet għaliex kienu serji wisq. Jew il-fotografu ma kienx jimpurtah jew bħal kienu jmorru bil-fors biex jieħdu r-ritratt il-Belt. Żgur li kien jgħidilhom biex ma jitħarkux ħalli jiġu sewwa u niesna kienu jobduh b'għajnehom magħluqa. Tar-ritratti kien idaħħal rasu f'qisu xkora, imbagħad kienu jistennew xi ħaġa ħierġa mill-kaxxa. Jafu kienu jieħdu qata' meta kienet issir it-tifqigħa u b'hekk kienu jiġu serji.

Mill-bidu ta' dan is-seklu għaddew 100 sena u l-ilbies u l-modi tbiddlu kemm felħu. Illum ikollna narmu biex inlaħqu mal-moda u nixtru l-ġdid kuljum. Iżda qabel, meta l-kuntatt u l-ħajja soċjali u l-mezzi tal-komunikazzjoni kienu skarsi biex in-nies mill-ibliet u l-irħula jiltaqgħu ta' spiss, il-kostumi kienu jibgħu ikarkru sew biex jidħlu u joħorġu, speċjalment fl-irħula.

Nismagħhom jgħidulif'ċerti festi, bħal San Ġużepp u Corpus Christi kienu jiġu dawk ix-xebbiet li kienu impjgati bħala sefturi, barra mill-Mellieħa. Kien għadu ż-żmien tad-djar kbar, bħal Casa Penza, fi Strada Rjali, fil-Belt, tal-Baruni Azzopardi fejn, f'għeluq is-seklu, ingħata ballu fejn instemgħu l-valzijiet sbieħ ta' Johan Strauss, li kienu għadhom fl-aqwa tagħhom u l-polka boħemjana "f'waħda mill-aktar swali sbieħ tal-Belt bil-linef kbar tal-kristall, mixgħula bil-gass, bil-lustrini u l-mirja jirriflettu l-purtieri tad-damask, il-kwadru taż-żejt, il-mobbli sbieħ Maltin u l-koppji jiżfnu b'dak l-ilbies folt u lussuż ta' l-epoka vittorjana." ([15]RMT Vol. 1, p. 8)

In-nobbli, li kienu jgħixu fihom, riedu juru l-preżenża tagħhom fil-ħajja soċjali Maltija u bid-djar tagħhom b'dawk is-swali kollha purtier ħoxnin, għamajjar ta' klassi, rikkezzi ta' debeh u fided, bellus u tapiti, kellhom ambizjoni li jżommu isem il-familja fl-ogħla post, meqjum mill-awtoritajiet rispettabbli sew ċivili kif ukoll dawk tal-knisja. Biex iżommu d-dinjita tagħhom, qabbdu s-sefturi biex ikollhom il-koka, il-ġardinar, is-sewwieq tal-karozzella u l-maġġordomo biesx jagħti merħba lil kull min kien jidħol f'darhom.

Is-sefturi li kienu jorqdu u jqumu f'dawn id-djar, biex iservu skond il-bżonn,kienu jħossuhom komdi biex jilbsu dejjem minn sħabhom li baqgħu fir-raba' u waqt il-purċissjoni kienu l-mira u l-għira ta' kulħadd. Bħal kienu jdaħħlu l-moda. Meta tkun f'ambjent sinjorili, fejn ikun hemm ħajja soċjali dejjem għaddeja bi pranzijiet u ċeni, b'laqgħat ma' persunaġġi, b'mawriet għall-ballijiet u opri fit-Teatru Rjali, is-seftura, għalkemm tara biss, ma setgħetx ma tgħollix il-livell tagħha u tikkopja l-manjieri, kostumi, attitudni u anke sistema ta' ndafa u tisjir. Iżda l-aktar li kien jagħti fl-għajn kien ilbieshom li kien aktarx xi ħaġa ġdida.

John Guillaumier, f'*The Sunday Times* tad-9 ta' Marzu 1999, wera xi żmien kien il-bidu tas-seklu fl-Ewropa meta Vjenna u Pariġi kienu saru l-bliet fantastiċi bil-lussu li kien fihom f'dak li hu teatru, moda, ristoranti, divertiment, mużewijiet u mużika.

L-Ewropa kienet għaddejja mill-isbaħ żmien, *La Belle Epoque*, u kienet fl-aqwa tagħha billi kienet qiegħda tara l-ġid akkwistat mill-kolonji u mill-industriji li bdew jikbru b'ritmu mgħaġġel. Ikompli jikkummenta li kien hemm ċerta stabbilità li kienet mill-fatt li r-rejiet kienu miżżewġa għand xulxin u allura kienu qraba. Kaiser Wilhelm II tal-Ġermanja, il-Kzar Nicholas II tar-Russja u r-Re Ġorġ V ta' l-Ingilterra kienu kuġini.

Il-Maltin fis-soċjetà għolja żgura li kienu influenzati minn dan iż-żmien fl-Ewropa. Il-flus dejjem għamlu triq fil-baħar u n-negozju, in-natura tax-xogħol, il-pożizzjoni, wassalu lill-professjonisti, lin-negozjanti u lin-nobbli biex immorru fl-aqwa bliet Ewropej.

Il-bniedem, meta jiġi lura, dejjem iġib miegħu materjal u ideat u jqabbel u jadatta aktar u aktar jekk ikollu l-mezzi. F'dan il-lussu, l-ordni soċjali ma kenitx bilanċjata. Waqt li għal

min lien qiegħed tajjeb, kien hemm il-pranzijiet u swali jixegħlu, iż-żgħir kien nieqes mill-aktar ħwejjeġ bażiċi.

Biżżejjed insemmu li kien hemm nies li ma kellhomx fejn ideffsu rashom u kienu jorqdu taħt il-loġoġ tal-Belt jew tal-Floriana jew jitgeddsu f'xi bieb. Ix-xjuħ, il-morda u l-immankati kienu jbatu. Fl-1901, il-*Chronicle* ikkalkulat li ma l-20,000 kienu jaqilgħu 'il fuq minn 200 Lira Sterlina fi-sena. ([16]RMT Vol. 1, p. 12)

Kien hemm differenza kbira bejn l-ilbies tal-belt u dak tar-raħal. Fir-ritratti rajna lil niesna bl-aħjar ilbies li kien ikun viċin dak tal-belt. Iżda kien ikun hemm dejjem dak li jagħżel lir-raħli mill-belti. Illum, postijiet miftuħa għat-turisti bil-karozzi ġejjin u sejrin, bħalma hi l-Mellieħa, ma tgħarafx min hu raħli u min hu belti meta jkun hemm xi okkażjoni.

Itteħidna anke fil-lingwa. Iżda 100 sena ilu, il-moda fil-Belt kienet iddum biex tasal u meta kienet tasal, il-mezzi tan-nies ma kienux iwasslu malajr. Fl-irħula, maqtugħin, imbagħad, u bil-faqar li kien hawn, il-moda kienet tieħu ħafna aktar żmien u kienet tkarkar kemm tiflaħ meta kienet tisħel tidħol.

Biex naraw kif kien jilbes raġel, avukat, li kien twieled fil-bidu tas-seklu, il-magħruf awtur u ġurnalista Herbert Ganado, tana deskrizzjoni li kien kiteb fil-Leħen is-Sewwa tad-9 ta' Awissu, 1947. Hu qal li kien qed iġorr il-moda ta' 40 sena ilu u ħallielna veru ritratt bi kliemu. Jirrakonta li mar jgħum Tas-Sliema u beda jinża "...l-ewwel sibt post għall-barzakka. Neħħejt il-ġlekk. Mill-ġlekk neħħejt il-pinna u n-nuċċali ħalli nagħtihom lil tal-bar iżommhomli mal-kartiera. Neħħejt l-arloġġ. Ħriġt minn sebgħi ċ-ċurkett tat-tieġ. Ħallejt l-ingravata. Inżajt l-għonq. Qgħadt attent li ma nitlifx il-buttuna ta' wara u dik ta' quddiem. Għalhekk qegħidthom fil-but tal-qalziet. Dendilt l-għonq ma' waħda mill-ispallieri... Neħħejt l-*arm bands* tal-qmis. Inżajt il-qmis. Inżajt il-*links* u tfajthom fil-but tal- qalziet. Neħħejt iċ-ċingi u dendilthom. Inżajt il-qalżiet u sibtlu t-tinja. Ħriġt il-qmis minn rasi. Warajha ħriġt il-flokk. Qgħadt bil-qegħed u rewwaħt tnejn bil-palju. Ħallejt il-lazzijiet taż-żarbun u qegħidthom fejn xulxin. Ħallejt is-*suspenders*, inżajt il-peduni u s-*suspenders* daħħalthom fiż-żarbun, kalzetta u *suspender* f'kull żarbuna.



*Fil-pjazza meta kien jispiċċa l-Katekiżmu, nhar ta' Ħadd.*

Ħadt ix-xugamana. Geżwirtu tajjeb migħi. Niżżilt il-qalziet u lbist il-malja. Kont lest."

Fl-irħula bħall-Mellieħa, lill-irġiel kont tarahom bl-ilbies tax-xogħol li kien jikkonsisti fi qliezet tal-fartajja, drapp minsuġ mill-qoton, miżmumin b'terħa, qomos bla għonq jew flanella b'sidrija u beritta f'rashom. Damu jidhru hekk sal-erbgħinijiet, min kien jibqa' fil-Mellieħa u fir-raba fejn dak li jkun ma kienx jista' jagħmel kuntrasti.

In-nisa kellhom ilbies twil u maktur f'rashom, li kienu jqisuh bħala xi ħaġa li ma setgħux jgħaddu mingħajrha.

Ix-xemx u l-bard għamlu dan il-maktur bżonnjuż u komdu tant li sa żmien il-gwerra, in-nanniet li twieldu sa 20 sena qabel is-seklu, baqgħu jużawh.

Fi żmien il-Kappillan Cortis (1908-1924), il-maktur kien meqjus bħala xi ħaġa ta' deċenzja fost in-nisa. Kien jidher nuqqas fuq xebba li ma kienx ikollha għata fuq rasha. Dan kien iż-żmien meta n-nisa, għall-knisja ċ-ċulqana jew l-istamina. Iċ-ċulqana, l-aktar li kienet tintuża billi din bħal drapp li jgħatti r-ras u tibqa' nieżla għal fuq l-ispallejn, ebda sengħa ta' ħjata.

L-istamina, li baqgħet tintuża min-nisa mużewmin sa nofs is-seklu, kienet aktar sinjorili, magħmula minn ħajjata speċjalizzati

fejn kienu jużaw kartuna f'forma ta' lampuka u jużaw għadam tal-baleni biex jagħtuha dik il-forma grazzjuża u eleganti.

Fil-Mellieħa, aktar li milli nisma, is-sengħa ddaħlet minn mara mir-Rabat li żżewġet Mellieħi, ċerta Nina miżżewġa Debono. Hi mbagħad għaddietha lin-neputija tagħha, iż-żija tiegħi M'Anna, fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu.

Niftakar li fil-gwerra. L-aħħar waħda, inħarqulha xi għonnienel bil-bombi tan-nar li waqqgħet żewġ xorok u ħarqet il-kannape bix-xogħol li kellha lest għal-festa ta' San Ġużepp.

Il-pjazza tagħna kienet timtela u kienet festiva b'dawk in-nisa sejrin bl-istamina tal-ħarir jgħaġġlu lejn il-knisja. Fir-riħ, fuq iz-zuntier, li kien aktar espost b'dak il-ġardin mhux żviluppat, l-għonnella kienet issir bħal qlugħ bir-riħ jonfoħ fiha. Ir-raġel ma kienx ikun fil-qrib għall-emerġenza għaliex il-ġnub ghar-raġel u l-bieb tal-korsija għall-mara biss.

Wara l-gwerra, taret l-istamina biex in-nisa jsiru ħfief. L-imkatar bdew jilbsuhom l-artisti u n-nisa ta' l-Ingliżi biex xagħarhom jibqa' f'postu u x-xemx u l-arja ma jkabarx il-karnaġġjon meta kienu jsuqu l-karrozzi, bla saqaf. Il-mara tal-knisja bdiet tuża l-velu li anke l-irġejjen għadhom jilbsu meta jmorru jżuru lill-Papa.

**Il-Fuħħar**

Niesna, fil-bidu tas-seklu kienu jaghmlu użu minn reċipjenti tal-fuħħar. Tant kien ikollhom oġġetti tal-fuħħar li kienu sabu kif jużaw il-fuħħar imfarrak biex jagħmlu l-kontrabejt bih. Il-ballata kienu jġibu din l-għaġna tad-deffun lixxa bil-paċenzja u l-għana li kienu jgħannu.

Sa l-aħħar tal-għerbinijiet, rajt in-nisa jballtu fuq il-bejt tal-pixkerija fix-Xatt tal- Belt. Dan ix-xogħol kien iservi għal snin u snin bħalma nistgħu naraw ħafna bjut fil-Mellieħa.

Meta Kappillan ried jibni oratorju, xi nies offrewlu li jiġbru l-fdalijiet tal-fuħħar biex meta jaslu għall-kontrabejt, il-materjal ikun hemm. Ġabru kemm felħu għaliex il-fuħħar kien fl-idejn u l-ġarra ġejja u sejra , tinkiser. Kont issib ġarar għaż-żejt, ġarar tal-bżar. Bombli għall-ilma, żingla għall-ħasil tal- platti, lembija għall-għaġna, borma pagna għall-istuffat u qsari. Jgħidu li l-istuffat fil-fuħħar kien jiġi itjeb u llum xi ristoranti ppruvaw jużaw dawn il-pagni biex bħal juru li qed jagħmlu mill-aħjar u jġibu dik in-nostalġija għal sistemi tal-passat.

Tista' tkun punika, rumana jew tal-bużnanna dik il-biċċa fuħħar. Min għex fil-kampanja zgur li ħalla warajh għax l-ebda kennies ma ġabru. Fejn kien hemm il-miġbħiet tistenna wkoll tifrik ta' fuħħar għaliex il-qolol li qabel kienu jużaw flok il-kaxxi tal-lum kienu tal-fuħħar u fl-iskariġġ tistenna li kienu jinkisru xi darba biex iħallu lil min jgħid l-istorja.

**Familji Numerużi**

Meta fi żmien li Malta kienet fit-triq ta' l-*Integration* fl-1955 u saret ir-*Round Table Conference* fejn kienet eżaminata u analizzata l-qagħda ekonomika ta' Malta, issemmiet il-familja Maltija u politiku Ingliż kien għadda rimarka dwar ġensna. Il-Maltin ma ħadux pjaċir biha u għaliha kien hemm reazzjoni.[17] Hu kien qed jirreferi għall-kobor tal-familja. Kien qed jara li l-Ingilterra kienet se titgħabba b'Malta fejn il-familja numeruża kienet għada poplari.

Dak iż-żmien fl-Ingilterra kien qed isir reklamar dwar l-ippjanar tal-familja u l-kontroll tat-twelid[18]. Jekk il-familja tagħna żammet din is-sistema għal akatar minn 50 sena fis-seklu 20, kemm kienet aktar qawwiaja din il-mentalita fil-bidu tas-seklu meta anke fost l-istess Ingliżi kienu jemmnu fil-familja ta' żmien ir-Reġina Vittorja, jiġifieri dik b'ħafna wlied.

Familja numeruża kienet meqjusa bħala l-barka t'Alla avolja kienet tfisser tbatija mhux żgħira min-naħa tal-ġenituri. In-nies li kienu jiddependu mix-xogħol tar-raba dejjem riedu d-dirgħajn biex jaħdmu u jkomplu jkabbru l-ġid. Fl-ulied raw skop. Waqt it-trobbija kien ikollhom iħabbtu wiċċhom mal-faqar. Iżda l-agħar li kellhom kien il-mard bħall-interite, difterite u l-ħożba, li kien ikaxkar madwar 267 tarbija minn kull 1,000 li kienu jitwieldu. ([19]Cassar, p. 359)

Meta ġejna biex naraw il-vantaġġi tal-familja b'wieħed jew żewġ ulied, wara s-sittinijiet, is-sitt sens beda bħal iwissi li jekk jinqala' xi ħaġa l-ġenituri setgħu jispiċċaw b'xejn. Min kien imġarrab u ra kemm kien ikun miraklu li ssalva tarbija, ma emminx li seta' jilgħab b'wieħed jew tnejn. Min rabba 100 sena ilu kien jaf kemm tarbija setgħet timrad u tmut f'jumejn u allura ħaseb għal dan.

**Għeluq**

Spiċċajt din il-kitba wara li għamilt eżerċizzju

mhux żgħir tal-memorja li baqgħali. Għalkemm qed nikteb taħt ismi, dan kollu, mhux ħlief rikonoxximent lejn nies li mlewli moħħi b'tifkiriet, sistemi u kostumi u flimkien ma' esperjenzi. U waqt li qed nikteb ma naqsux li jiġu quddiemi nies li rbatt magħhom storja jew ħsieb partikolari dwar sitwazzjoni jew lokalità.

L-inħawi tal-Mellieħa sbieħ u pittoreski iżda għal li huma, nieqsa minn dawk il-leġġendi u minn dak l-ambjent li l-letteratura taf toħloq. F'Raġel bil-Għaqal ta' Ġużè Galea, insibu ġrajjiet li setgħu seħħew f'Għajn Żejtuna, fil-Marfa jew f'Kemmuna. Fil-fatt, l-istorja tiftaħ b'deskrizzjoni "Dik l-għolja ta' wara l-Mellieħa, miksija bi blat aħrax, iġġib taħtha r-Ramla tal-Għadira u minn fuqha l-ħarsa tinfirex sa fuq il-gżejjer ta' Kemmuna u nofs Għawdex..."

Għalina l-Melleħin, l-inħawi msemmija jġibu magħhom bħal seħer u jsiru mimlija tifsir. *Popeye Village* jiġbed tant turisti li raw il-*film*, biex jerġgħu jimmaġinaw u jġeddu s-sitwazzjonijet fil-post reali. Ara meta n-nies issir taf il-passat ta' dak l-ambjent li jqajjem tifkiriet ta' nies, ġrajjiet u sitwazzjonijet. Dak li jagħmel post fantastiku.

Meta bħal tajt il-kelma għal din il-biċċa xogħol li tiswielek ħin, tiftix u ħsieb, ħassejt obbligu u dover lejn min, għex qabli u ħalla tifkiriet , bini u sistemi, tradizzjonijiet li aħna komplejna nibnu fuqhom bil-mezzi dejjem aħjar li kellna. La bniedem iqatta' żmien fil-ħajja żgur se jħalli warajh. Verament li ruħu ma tispiċċax. L-ispirtu tiegħu jibqa' imewweġ f'moħħ in-nies li kienu fiċ-crieki tiegħu. Dan it-tikmix f'wiċċ l-ilma jieħu imbuttatur hekk kif tissemma l-istorja ta' żmienu. Ġbart minn kotba ta' referenza, li llum għandna ħafna. Iżda kien ta' valur żgur dak li sirt naf mingħand in-nies speċjalment mingħand dawk qrib tiegħi li għexu l-biċċa l-kbira tas-seklu u xi biċċa mis-seklu l-ieħor. Kelli x-xorti lħaqt gawdejthom qabel ħallewna għal kollox. J'Alla baqa' nies li għalihom din il-kitba tfisser ħafna u ġġibilhom dak l-ambjent ta' żgħożithom li minkejja ż-żmien diffiċli dejjem hemm dak li hu sabiħ u joħloq nostalġija.

Dawn niesna li raw għeluq is-seklu dsatax u l-ftuħ tal-għoxrin wieħed, kif rajna, ma għexux ħajja komda, meta nqabbluha maż-żmien tal-lum. Mitt sena ta' invenzjonijiet, bi gwerer li qallbu ta' taħt fuq l-ordni soċjali u l-modi ta' ħsieb, ma jħallux rokna fil-moħħ, fil-qalb u fl-inħawi kwieta.

Sar ħafna tibdil fil-mentalità fil-fiżiku. Niesna l-antiki kienu, limitati ħafna biex jirrealizzaw skemi u pjani Iżda fejn setgħu u ġiethom l-opportunità, dawn in-nies urew fejn kapaċi jaslu. Meta nara l-knisja parrokkjali, dejjem insib x'jgħaġġibni. Il-Kappillan Magri, waħdu, ma setax jidħol għal piż bħal dak. X'iqawwilu qalbu ma naħsibx li kellu ħlief l-attitudni ta' ftehim li kien jeżisti min-naħa tal-parruċċani. Ingħata totalment għall proġett iżda n-nies baqgħet tagħtih appoġġ biex baqa' sejjer u jħalli l-opra kompluta kemm jista' jkun bl-altari, bil-pittura ta' Gużeppi Cali, l-aħjar artist tal-perjodu. Il-faċċata tal-knisja swiet ukoll ħafna xogħol u ħsieb. Dawn in-nies mal-kappillan ħasbu għall-pjazza li llum tfisser ħafna u minħabba fiha rajna okkażjonijiet kbar.

Meta tkun fqir tagħmel kemm tiddobba. Iżda dawn in-nies Melleħin meta ġew biex iwettqu ħaġa li togħġob 'l Alla, hasbu, meddew idejhom u ħarġu milli kellhom. X'juri dan? Il-kapaċità tal-kappillan, is-sens kbir ta' responsabbiltà li kellhom għal uliedhom? Aħna llum sirna l-ħassada ta' għelieqi li żergħu u ħawlu missierijietna u nannietna. Għamilna sewwa komplejnihom sebbaħnihom u rranġajnihom biex uliedna jerġgħu jsibu x'igawdu u jaħsdu.

L-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa, aħna fakkarniha iżda huma ħolquha mitt sena ilu.


1. Alexander Bonnici, Diċ '98, *Mellieħa*, p. 14.
2. Alexander Bonnici, Diċ '98, *Mellieħa*, p. 15.
3. H. Ganado, Vol. 1, p. 7, *R.M.T.*
4. *Daily Malta Chronicle*, Mar. 15, 1899.
5. *Sunday Times*, Mar. 14, 1899.
6. H. Ganado, *RMT*, Vol. 1, p. 7.
7. A.V. Dar id-Demokrazija, *Mellieħa*.
8. Ġanni Mifsud, *Il-Madonna tal-Mellieħa*, p. 71.
9. Dun Mosè Debono, Joe Catania, *Festa Maria Bambina '96*.
10. H. Ganado, *RMT*, Vol. 1, p. 7.
11. Paul Cassar, *Medical History of Malta*, p. 335.
12. Paul Cassar, *Medical History of Malta*, p. 334-36.
13. David Muscat, Jan. '97, *Mellieħa*.
14. David Muscat, Frar '97, *Mellieħa*.
15. H. Ganado, *RMT*, Vol. 1, p. 8.
16. H. Ganado, *RMT*, Vol. 1, p. 12.
17. H. Ganado, *RMT*, Vol. 1V, p. 63.
18. H. Ganado, *RMT*, Vol. 1V, p. 90.
19. Paul Cassar, *Medical History of Malta*, p. 359.